KUNSILL LOKALI

BORMLA
*Citta' Cospicua*

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 76/2017

**15 ta' Novembru, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

## SKUZAT:

Noyah Spiteri – Kunsilliera

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

76.1.1 Is-Sindku qrat komunikazzjoni li kien intbaghatilha mill-Kunsilliera Noyah Spiteri u li permezz taghha kienet infurmatha illi minhabba ragunijiet ta' studju ma kenitx ser tkun tista' tattendi tattendi ghas-seduta.

76.1.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sindku u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tas-Sa. Noyah Spiteri.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

76.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 75 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

76.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

76.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

76.3.1 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi l-klabb tar-regatta kien avvicina lill-Kunsill Lokali u kien wera x-xewqa illi *shields* li kienu intrebhu fir-regatta jitpoggew ghall-wiri gewwa l-binja tal-Kunsill Lokali.

76.3.2 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi kienet inzammet laqgha ma' Palumbo Malta Shipyards Ltd. li matulha kien gie diskuss il-kontenut ta' abbozz ta' kuntratt bejn iz-zewg partijiet rigward grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi dwar il-materja kienet ser tkun qieghda tinzamm laqgha mal-avukat ta' Palumbo Malta Shipyards Ltd.

F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta il-Kunsilliera Antonia Perini (5:50p.m.)

76.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'konferenza li kienet inzammet rigward is-servizz *Bormla Intercity Transport*.

F'dan l-istadju dahal ghas-sedua is-Sur Ivan Agius (5:58p.m.)

76.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' Traffic Control Committee. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-laqgha kienet issejhet mill-istess kumitat bil-ghan illi jkun hemm diskussjonijiet li eventwalment kellhom iwasslu ghar-rijorganizzazzjoni tas-suq fil-berah ta' nhar ta' tlieta. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jinzamm aggornat b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja.

76.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mal-kumitat nazzjonali tal-karnival rigward proposta li jsir karnival fil-kottonera matul l-2018. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien mistenni jipprepara attivita' sabiex takkumpanja sfilata li kellha ssir. Is-Sinjuri James Cauchi, Ivan Agius u Antonia Perini kellhom jiehdu hsieb ifasslu abbozz ta' attivita' f'isem il-Kunsill Lokali.

## 76.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

76.4.1 Ma kienx hemm.

## 76.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

76.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru11/17) ghall-approvazzjoni.

76.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

76.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Ottubru 2017 ghall-approvazzjoni.

76.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 76.6 Sejhiet ghall-Offerti

76.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatru evalwaturi ghal sejha ghall-kwotazzjonijiet li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal tizjin u armar fi zmien il-Milied. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-evalwaturi kellhom ikunu s-sinjuri Antonia Perini, Ivan Agius u James Cauchi.

76.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li f'seduti precedenti l-Kunsill Lokali kien iddiskuta x-xiri ta' fanali ornamentali ghal numru ta' sqaqien, l-

amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tivverifika kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma Nexos Street Lighting u kien gie stabbili illi l-fanali ma setghux jigu mixtrija permezz tal-istess kuntratt. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi ghaldaqstant kienet tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali jipprepara abbozz ta' dokument ghal sejha ghall-offerti. Filwaqt li kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku gie deciz illi kellha tigi evalwata l-possibilita' illi jintuzaw fondi mill-iskema *Urban Improvement Fund*.

## 76.7 Pjan ta' Hidma

76.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi wara fl-ahhar seduta kienet inbdiet diskussjoni dwar il-pjan ta' hidma ghas-snin 2017-2019, hekk kif maqbul suggerimenti li l-Kunsilliera kienu ghaddew kienu gew inkluzi fil-pjan ta' hidma. Is-Sur James Cauchi qal illi min-naha tieghu, peress li ma kienx prezenti ghas-seduta precedenti ma kienx konxju mid-dettalji li kienu gew diskussi dwar il-materja.

76.7.2 Is-Sindku qalet illi hekk kif kienet habbret waqt is-seduta precedenti kienet irrevediet ir-responsabilitajiet tal-kunsilliera li kellhom ikunu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | Sindku | Edukazzjoni, Infrastruttura u Relazzjonijiet Pubblici |
| Ivan Agius | Vici-Sindku | Ordni Pubbliku, Immaniggjar tat-Traffiku, Ambjent u Latrini Pubblici |
| Noyah Spiteri | Kunsilliera | Nisa, Familji u Solidarjeta' Socjali |
| Pablo Cachia Belli | Kunsillier | Sports, Innovazzjoni, Turizmu, EU Affairs, Sports, Edukazzjoni u Negozji |
| James Cauchi | Kunsillier | Drittijiet tal-Annimali u Persuni bi bzonnijiet specjali |
| Antonia Perini | Kunsilliera | Sahha u Anzjani |
| Roderick Mamo | Kunsillier | Zghazagh, Kultura, ghaqdiet lokali u Jum Bormla |

## 76.8 Jum Bormla

76.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu saru ghal Jum Bormla 2017 li kien ser jahbat nhar il-hadd 19 ta' Novembru 2017. Is-Sa. Zerafa Civelli semmiet fost l-ohrajn l-arrangamenti li kienu saru sabiex hekk kif maqbul, tinzamm quddiesa fil-knisja arcipretali, jitqieghdu kuruni quddiem monument tal-gwerra u tinzamm funzjoni gewwa s-sala tal-kazin tal-banda San Gorg.

## 76.9 Mozzjonijiet

76.9.1 Mozzjoni numru 14/2017

*Qed nipproponi li l-Kunsill Lokali jaghmel qsari mal-entraturi tal-binjiet fil-qasam tad-djar ta' San Gwann t'Ghuxa. L-istess qsari ghandhom jitpoggew fuq il-bankini, u b'tali mod li ma joholqux diffikultajiet lill-pedonali u persuni li jaghmlu uzu minn siggu tar-roti. Ghandhom jitpoggew zewg qsari mal-entraturi ta' kull blokk fiz-zona msemmija*

Mozzjoni : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

76.9.2 Mozzjoni numru 15/2017

Permess li spiss qed jigu rrappurtati incidenti tat-traffiku fi Triq San Frangisk, u peress li fl-ahhar jien sahansitra giet imtajra persuna, qed nipproponi li l-Kunsill jaghmel talba ufficjali sabiex Transport Malta tikkunsidra li tinstalla Pelican Lights f'din it-triq minflok is-sistema ta' belisha lights ezistenti.

Mozzjoni : Ivan Agius
Sekondant : Pablo Cachia Belli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 76.10 Permessi mahruga mill-Kunsill Lokali

76.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed ikun hemm diffikulta' b'konnessjoni ma' permessi ghal xogholijiet li kienu qieghdin jinhargu f'toroq u zoni ohra pedonali. Is.Sa. Zerafa ziedet tghid illi fiz-zoni in-kwistjoni kienet qieghda ssir hsara rreparabbli lil cangaturi taz-zonqor li kienu jikkaratterizzaw l-

imsemmija toroq.

76.10.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera li ma kellhomx jinhargu permessi ghal krejnijiet u makkinarju fi Triq San Mikiel, Triq Marjano Gerada, Triq Nelson, Triq id-Dejqa, Triq Dwardu u parti minn Triq San Gorg. Gie deciz illi kellha tintbaghat ittra lir-residenzi fit-toroq imsemmija sabiex is-sidien ikunu konxji mid-decizjoni li kien ha l-Kunsill Lokali

**76.11 Laqgha Generali Annwali 2017**

76.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li tigi deciza l-gurnata sabiex tinzamm il-laqgha annwali tal-lokalita' ghas-sena 2017. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-imsemmija laqgha kellha tinzammm nhar l-14 ta' Dicembru 2017.

**76.12 Festa 2017**

76.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu inzammu b'konnessjoni mal-festa tal-lokalita'. Fir-rigward is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-uniku materja li kien ghad fadal pendenti kienet tikkoncerna permessi ghal gabbani matul it-tlett ijiem tal-festa. Wara li s-Sindku spjegat lill-Kunsilliera prezenti dak li kien sehh sal-gurnata tal-laqgha, inkluz talba li kien ircieva l-Kunsill Lokali sabiex jiccaqilqu 5 gabbani u l-prosposta li jitmexxew ghal passagg li kien iwassal ghal bacir numru 1, kien hemm qbil unanimu illi sakemm tigi pprovduta polza ta' assikurazzjoni li tkopri eventwali hsarat, l-imsemmija gabbani kellhom jiccaqilqu hekk kif imsemmi.

**76.13 Milied 2017**

76.13.1 Is-Sindku qalet illi kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar l-attivitajiet li l-Kunsill Lokali kellu hsieb jikkordina ghall-milied 2017. Fir-rigward, is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi hija kienet tal-opinjoni li hekk kif sehh fis-snin imghoddija, jigi organizzat festin ghat-tfal. Kien hemm qbil illi kellhom jigu avvjati l-processi sabiex kemm il-darba ikun possibbli jigi organizzat l-imsemmi festin.

76.13.2 Is-Sa. Antonia Perini qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu

jorganizza harga ghall-familja. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi s-sa. Perini kellha tiehu hsieb tikkordina harga ghall-familji, liema harga kellha ssir nhar is-16 ta' Dicembru 2017.

**76.14 Rapporti**

76.14.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Wara li inqrat korrispondenza mibghuta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali gie deciz illi hadd ma kien ser jattendi ghal riceviment tal-Milied li kien ser jittella' nhar it-28 ta' Dicembru 2017, minhabba l-fatt illi l-Kunsilliera kellhom impenji ohra.
- Ma kelliex tigi milqugha talba li tressqet minghand *wedding organizer* ghal parkegg riservat fl-okkazjoni ta' tieg li kien ser jinzamm gewwa l-knisja ta' Santa Tereza.
- Gie deciz illi kellha tigi nnominata l-Fondazzjoni Bormliza ghall-Persuni b'Dizabilita ghall-premju Socjeta Gusta 2017.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-Minsitru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Lokali biex ma jigux dikjarati vakanti l-postijiet tal-Kunsillieri Noyah Spiteri u Ivan Agius.
- Gie deciz illi servizz ta' internet li l-Kunsill Lokali kellu f'kappella li kien hemm fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa kellu jigi mcaqlaq ghal Pjazza Gavino Gulia.
- Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali kellu japplika ghal inizjativa finanzjarja favur il-komunita'. Permezz tal-istess inzijativa, il-Kunsill Lokali kellu jibbenefika minn prezz imrahhas ghal servizz ta' internet fil-librerija tal-lokalita'.
- Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali kellu jilqa' proposta mressqa minghand Light Blue Ltd ghal tpoggija ta' kontenitur li permezz tieghu jigu rriciklati hwejjeg uzati. Gie deciz illi l-istess kontenitur kellu jitpogga biswit il-bini tal-Universita' Amerikana ta' Malta.
- Il-Kunsill Lokali gie mfakkar b'cirkolari 16/2016 li permezz taghha l-Kunsilli Lokali gew mitluba jahtru Deputat Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-materja kellha tigi diskussa f'seduti segwenti.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsiliera, illi sakemm ma tinholoqx problema, kellha tintleqa' talba ghal installazzjoni ta' bollard fi Triq Hanover biswit garaxx numru 12.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'multa li kienet inharget mill-Awtorita' tas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol fil-konfront tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' allegati nuqqasijiet konnessi ma' sigurta fl-ufficcju

amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kien hemm korrispondenza mill-Assocjazzoni ghall-Gvern Lokali li min-naha taghha infurmat lill-Kunsilli Lokali illi kienet ser tkun qieghda tiddiskuti l-materja f'isem il-Kunsilli Lokali.

**76.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

76.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 14 ta' Dicembru 2017 fis-6:00p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Dicembru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |